4

# Ċaqliqa għal Triq il-Parroċċa

F'dan il-kapitlu se nitrattaw iċ-ċaqliqa għat-tieni post li laqa' l-Oratorju fil-Mosta. Wara kważi tmien snin stabbilit f'dar fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, l-Oratorju ġarr għal dar antika oħra fiż-żona ta' wara l-knisja arċipretali, eżattament fi Triq il-Parroċċa. Din kienet id-dar ta' Dun Feliċ Calleja, il-kappillan qalbieni li mexxa t-truppi Mostin matul iż-żmien tal-imblokk kontra l-Franċiżi f'Malta (1798-800) u l-istess wieħed li beda l-proċess għall-bini tar-Rotunda, tant li ħalla ġidu kollu għal dan il-proġett. L-Oratorju baqa' hawn għal snin mhux ħażin sakemm f'nofs it-tletinijiet beda jġorr għall-bini kbir u sabiħ, kif u fejn nafuh illum fi Pjazza Oratorju. Matul is-snin li dam fi Triq il-Parroċċa saru diversi żviluppi li se nkunu qegħdin nittrattawhom f'din il-parti, speċjalment it-tisħiħ tat-tagħlim tal-katekiżmu, it-tluq tal-iscouts għal kwartier ieħor, il-formazzjoni tal-ewwel orkestra parrokkjali u l-ingaġġ ta' Dun Karm (Carmelo) Sciberras bħala d-Direttur il-ġdid. Iżda qabel ngħaddu biex nidħlu f'iżjed dettall dwar dawn il-punti, ikun f'loku jekk l-ewwel nagħtu ħarsa ġenerali lejn il-qagħda politika, soċjali u ekonomika tal-Maltin immedjatament wara li spiċċat l-ewwel gwerra. Dan it-tagħrif introduttorju jgħina biex nifhmu aħjar l-isfond storiku nazzjonali li fih ittieħdu sensiela ta' deċiżjonijiet parrokkjali.

## Il-qagħda soċjali u politika wara l-Ewwel Gwerra

Wara t-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija fl-1918, il-ġuħ beda juri snienu f'Malta, infirex il-faqar u kibret l-iskarsezza tal-affarijiet essenzjali, inkluż il-ħobż, il-patata, il-pitrolju u z-zokkor. Ħaġa minn ewl id-dinja li din l-iskarsezza ġabet magħha għoli fil-prezzijiet, *blackmarket*, trekkin u ħażen ieħor tal-imbroljuni. Il-ġurnali ta' dak iż-żmien akkużaw lin-negozjanti tad-dqiq li huma kienu qegħdin jistagħnew minn fuq il-miżerja tal-poplu. Is-sena 1919 kienet waħda deċiżiva għal ġensna. Min ħareġ jipprotesta fit-toroq u safa midrub jew maqtul, u min reħa kollox warajh u salpa 'l barra mill-Port il-Kbir sabiex isib xogħol f'pajjiżi 'l bogħod minn xtutna b'kulturi u stili tal-ħajja ferm differenti minn tagħna. Waqt id-dimostrazzjonijiet li baqgħu magħrufin bħala tas-*sette Giugno*

kienu nqatlu erba' Maltin mis-suldati Ingliżi. Il-poplu kien issa mxebba' għall-mewt bil-qagħda staġnata u patetika ta' artu.

Dik il-ħabta kienet tassew kobba mħabbla għal kulħadd. Dawk fqar u ta' fuqhom senduqhom kienu qegħdin ibatu l-għaks u n-nuqqas ta' xogħol. 'Ekonomikament, Malta kienet biss sinna inferjuri fl-ingranaġġ enormi tal-imperu Ingliż' (Montebello, 2014). Il-klassijiet sinjuri u privileġġjati kellhom ilmenti oħra kontra l-gvern Ingliż. Dawn kienu qegħdin jibżgħu li l-gvern, biex jiġbor aktar flus, kien se jdaħħal taxxa fuq il-qligħ. Il-klassi politika, f'isem poplu bla jeddijiet u libertajiet, bdiet tagħfas fuq il-gvern kolonjali biex dan jagħti lill-Maltin kostituzzjoni fejn il-poplu Malti seta' jmexxi l-affarijiet interni. Il-pressjoni tal-politiċi u l-vittmi tas-*Sette Giugno* wasslu biex sentejn wara Malta tikseb il-Kostituzzjoni tal-1921 meta għall-ewwel darba ingħatat id-dritt tas-*Self Government* bil-formazzjoni ta' Assemblea Leġiżlattiva (Parlament) eletta mill-poplu. Din l-Assemblea kienet msieħba mill-Kamra tas-Senat komposta minn membri innominati minn fost il-kleru, in-negozjanti u l-Università. L-ewwel Prim Ministru kien Joseph Howard (1862-1925) tal-Partit *Unione Politica Maltese*.

In-nuqqas fl-opportunitajiet tax-xogħol ġiegħel lil niesna jagħmlu dak li ma xtaqux jagħmlu - jemigraw. Biex nieħdu eżempju ta' dak li kien qiegħed jiġri fil-Mosta, fis-sena tal-irvell tal-1919, kien hemm 107 Mostin li applikaw biex jinħarġilhom passaport, kollha bil-ħsieb li jsalpaw 'il barra mill-Port il-Kbir biex isibu xogħol u jibnu futur f'art barranija. Skont id-dokumenti tal-Arkivju Nazzjonali fir-Rabat, minn dawn il-107, 84 kienu rġiel filwaqt li 23 kienu nisa. 83% minnhom applikaw biex imorru lejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Kanada, waqt li 14% tferrxu f'ħafna pajjiżi pajjiż mal-kosta Mediterranja, l-aktar Tuneż (5.6%) u Marsilja (3.8%). Anqas minn wieħed fil-mija kienu tħajru jemigraw lejn l-Ingilterra (0.9%) u l-Awstralja (0.9%). L-effetti ta' l-emigrazzjoni ma ġarrbuhomx biss il-Mostin li ħallew raħalhom iżda wkoll il-Mostin li baqgħu ma' djul ir-Rotunda ta' Grognet. Kull persuna li kienet tħalli l-lok fejn twieldet u trabbiet, kienet tħalli vojt kbir warajha. Huwa ddokumentat li minħabba fl-emigrazzjoni, il-popolazzjoni fil-Mosta u fil-bqija ta' l-irħula u l-ibliet Għawdxin naqset b'mod notevoli. Per eżempju fl-1921 l-għadd tan-nies fil-Mosta kien 4,866 jiġifieri 917-il ruħ anqas mill-għadd irreġistrat fiċ-ċensiment ta' għaxar snin qabel. Mhux biss il-familji ħassew it-telfa ta' tant minn missirijietna, imma wkoll l-għaqdiet u s-soċjetajiet li kienu diġà twaqqfu. Dan il-kuntest storiku u soċjali jgħina nifhmu iżjed l-iżviluppi li kienu qegħdin iseħħu fl-Oratorju fil-bidu tas-snin għoxrin. Kif rajna l-qagħda ekonomika kienet fi stat ħażin, waqt li l-qagħda politika kienet eċitanti peress li l-Maltin kienu għadhom kif bdew jesperimentaw fit-tmexxija tal-ewwel ministeri u dipartimenti ta' gvern domestiku.

## L-Oratorju jiċċaqlaq għal dar oħra

Għall-ħabta tal-1922, l-Oratorju Qalb ta' Ġesù ċċaqlaq minn Triq il-Kungress Ewkaristiku għal dar antika, imma spazjuża, f'numru 50, Triq il-Parroċċa. Dan il-pass kellu jittieħed peress Salvu Zahra ddeċieda li jmur joqgħod ma' martu u t-tmint itfal tiegħu ħames bibien aktar 'l isfel, eżattament fil-binja li ġġib 191 fi Triq il-Kungress

Ewkaristiku, il-post fejn għall-ewwel tmien snin kien stabbilit l-Oratorju. Il-post kien ta' Zahra u għalhekk kellu kull jedd li jpoġġih għad-dispożizzjoni tiegħu u ta' familtu. Bħala alernattiva, l-Oratorju mar fi Triq il-Parroċċa fejn dam hemm sa nofs it-tletinijiet meta mbagħad bdiet tiehu sura l-binja ġdida u stupenda tal-Oratorju l-ġdid. It-tieni dar li laqgħet lill-Oratorju, għalkemm xorta kbira, imma kellha spazju ristrett. Minħabba f'hekk it-teatrin fl-Oratorju kellu jnaqqas mill-attività tiegħu u jfittex bnadi oħra fir-raħal fejn seta' jtella' xogħlijiet drammatiċi.

Wara t-tluq ta' Dun Edgar għal fuq il-front tal-Ewwel Gwerra, fit-tmun tal-Oratorju issa kien hemm direttur ieħor, Dun Anton Buhagiar, li aktar 'il quddiem kien intbagħat kappillan ta' San Pawl il-Baħar (Magro, 1993: 5). Buhagiar serva fil-kariga ta' Direttur bejn l-1917 u l-1921, sakemm mis-sena ta' wara l-Oratorju mexa għal Triq il-Parroċċa meta mbagħad daħal fl-azzjoni Dun Karm Sciberras bħala Direttur (ara l-profil tiegħu f'Appendiċi B). Kien saċerdot maħluq għall-appostolat fost it-tfal u ż-żgħażagħ. Taħtu saru żviluppi kbar. Kien twajjeb u baħbuħ imma, fl-istess waqt, kellu sens ta' tmexxija. Min kien jafu sewwa jgħidlek li 'gidba ma kienx jiflaħ għaliha. Ara jaqbdek f'gidba għax ikellmek bis-serjetà (*Il-Mosta* 151, 1993: 3). Waħda mill-ewwel inizjattivi amministrattivi ta' Sciberras kienet dik li beda jżomm reġistru aġġornat bl-ismijiet tat-tfal tal-Oratorju li kienu jersqu quddiem l-artal biex jirċievu s-sagramenti. Dawn ir-reġistri għadhom miżmum sal-lum fl-arkivju tal-Oratorju.

## L-introduzzjoni tar-reġistri tad-duttrina

It-tagħlim tad-duttrina bi tħejjija għas-sagramenti tar-rikonċiljazzjoni (qrar), komunjoni (tqarbin) u griżma kompla għaddej fuq l-istess linji stabbiliti fl-1914, anzi ssaħħaħ. Wara l-kunflitt bejn Salomone u l-membri Mostin mal-MUSEUM tal-1916, issa ma kienx għad fadal soċi tal-MUSEUM jgħallmu fl-Oratorju. Primarjament, id-duttrina kienet mgħallma mis-saċerdoti bil-għajnuna ta' xi ftit lajċi kolti. Ir-reġistri tat-tfal li tressqu għas-sagramenti wara li rċevew it-tagħlim fl-Oratorju jibdew minn meta l-Oratorju beda jiffunzjona minn Triq il-Parroċċa fl-1922. Anthony Camilleri (1990) jikkonferma li dawn ir-reġistri intitolati *(A) Registro Conferma (B) Registro Prima Communione – Oratorio S. Cuore di Gesù - Musta* bdiehom Dun Karm Sciberras meta ntgħażel biex jaqdi l-funzjoni ta' Direttur. Sal-1950 il-prattika tal-Knisja baqgħet li s-sagrament tal-ewwel tqarbina u dak tal-griżma tal-Isqof jingħataw fl-istess jum; tal-ewwel filgħodu u t-tieni, waranofsinhar. L-etajiet tat-tfal ma kinux standardizzati, tant li kien hemm snin meta kien hemm varjazzjonijiet sostanzjali. Wieħed ma jridx għalhekk jiskanta li fl-1922, tifel ta' 15-il sena rċieva żewġ sagramenti. Mill-imsemmija reġistri, ikkompilajt Tabella 4.1 li turi statistika marbuta mat-tfal subien li rċevew l-ewwel tqarbina u l-griżma bejn l-1922 u l-1935. Għażilt li nasal sal-1935 peress li din hija l-aħħar sena li matulha t-tfal tgħallmu fl-Oratorju stabbilit fi Triq il-Parroċċa. Mis-sena ta' wara t-tagħlim beda jsir fis-sala tat-teatrin tal-Oratorju mibni ġdid fejn nafuh illum (Camilleri, 1990), sakemm wara ftit xhur oħra kienu lesti l-klassijiet il-ġodda tad-duttrina.

**Tabella 4.1: Statistika tas-subien tal-Oratorju li rċevew l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof (1922-1935)**

| Sena | Numru ta' subien | Varjazzjoni tal-etajiet (Snin) | Etajiet l-aktar komuni (Snin) | Amministratur tal-Griżma |
|---|---|---|---|---|
| 1922 | 49 | 6-15 | 7, 8 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1923 | 46 | 6-11 | 7, 8 | Fra Angelo Portelli, Isq. ta' Selinonte |
| 1924 | 56 | 5-11 | 7, 8 | Fra Angelo Portelli, Isq. ta' Selinonte |
| 1925 | 38 | 6-8 | 7, 8 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1926 | 36 | 6-8 | 6, 7 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1927 | 56 | 6-11 | 6, 7 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1928 | 32 | 6-12 | 6, 7 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1929 | 33 | 6-12 | 6, 7 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1930 | 23 | 6-11 | 7 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1931 | 108 | 6-11 | 7, 8 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1932 | Ir-reġistru tal-Oratorju ma jinkwadrax lista ta' din is-sena | | | |
| 1933 | 65 | 7-11 | 7, 8, 9 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1934 | 67 | 7-11 | 7 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1935 | 42 | 7-10 | 7, 8 | Mons. Mikiel Gonzi, Isq. t'Għawdex |

Sors: *Registro Conferma e Prima Comunione, Oratorio S. Cuor di Gesù*

L-istatistika hawn fuq tindika ċaqliq fin-numru ta' subien Mostin li resqu għas-sagramenti. Per eżempju n-numru naqas drastikament wara l-1924 sal-1930, bl-eċċezzjoni tal-1927. Żgur li dawn il-figuri huma riżultat tal-emigrazzjoni qawwija li kienet diġà rrankat sewwa (Cassar 2009: 23). B'danakollu x-xejra tinbidel mis-snin tletin 'il quddiem meta n-numru ta' tfal beda jogħla sostanzjalment, xhieda ta' kemm il-popolazzjoni fil-Mosta rpiljat u ġibdet lejha familji ġodda minn barra l-parroċċa. Aktar tard, wara t-Tieni Gwerra l-emigrazzjoni tal-massa reġgħet refgħet rasha, tant li n-numru ta' tfal tbaxxa sew. Imma dwar dan nitkellmu fil-kapitli li jmiss.

Ir-reġistru tal-Oratorju joffri ħjiel interessanti ieħor. Ngħidu aħna, minnu nistgħu nisiltu liema kienu l-aktar ismijiet popolari fost is-subien fis-snin għoxrin u tletin. M'hemmx dubju li l-isem *Ġużeppi* jiġi l-ewwel fil-lista, segwit minn *Carmelo*, *Emanuel*, *Salvatore*, *Pawlu* u *Toni*. Hemm ukoll imniżżlin l-ismijiet tal-parrinijiet għal kull tifel, flimkien mal-ismijiet tal-ġenituri.

F'dan il-perjodu żżanżnet l-ewwel bandalora tal-Oratorju li warajha kienu jimxu t-tfal fi triqithom għall-knisja dakinhar li jirċievu s-sagramenti qaddisa. Il-pittura tal-Qalb ta' Ġesù fuq din il-bandalora rrakkmata hija xogħol Rafel Caruana Dingli li kien qatta' nofs ħajtu il-Mosta fejn ħadem bosta xogħlijiet artistiċi għar-Rotunda u fil-

parroċċa (Camilleri, 1990: 42). Din il-bandalora għadha merfugħa fi gwarniċ tal-injam u l-ħġieġ fl-istess Oratorju, peress li aktar tard fis-snin kienet saret oħra minflokha.

## L-ewwel orkestra parrokkjali

Fis-snin għoxrin ġiet iffurmata l-ewwel orkestra parrokkjali fil-Mosta taħt it-titlu *Maria Assunta* u kienet komposta kemm minn mużiċisti, kif ukoll minn koristi. L-ideatur tagħha kien Dun Pawl Mifsud u l-kunċerti taħt it-tmexxija ta' ħuh, l-eks surmast tal-Banda Nicolò Isouard Salvatore Mifsud, kienu isiru fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Dan kien iż-żmien meta l-Oratorju kien beda jopera minn Triq il-Parroċċa. Dun Pawl mhux biss kien iħobb il-mużika, imma kien jaf idoqq il-vjolin li kien sawwar b'idejh stess u anki kien jikkomponi xi bċejjeċ ta' mużika reliġjuża (Mifsud, 2002: 217).

Din l-orkestra kienet iddoqq fil-festi solenni tal-knisja fil-kor ta' wara l-artal maġġur. B'mod partikulari kienet tesegwixxi ruħha waqt il-quddiesa ta' nofsillejl tal-Milied u magħha kienu jingħaqdu l-ilħna tat-tfal waqt li jkantaw l-Invitatorju tal-Milied 'Christus'. L-għada, nhar il-Milied, l-*Orchestra Maria Assunta* kienet tieħu sehem fil-quddiesa kantata. U mit-twelid għat-tislib. Il-mużiċisti tal-Orkestra kienu jerġgħu jidħlu fl-azzjoni matul il-ġimgħa mqaddsa; jibdew minn Ħadd il-Palm, jissoktaw bil-kor tat-tfal ikantaw *Pueri Hebreorum* nhar Ħamis ix-Xirka u mbagħad ikun imiss r-responsorju mmużikat ta' Dun Pawl Mifsud fl-intervall tal-prietka tat-tliet sigħat nhar il-Ġimgħa l-Kbira. L-Orkestra kienet terġa' tidħol il-Knisja nhar Sibt il-Għid fil-funzjoni solenni ta' filgħodu għad-daqq tal-glorja u nhar Ħadd il-Għid. Matul il-bqija tas-sena kienet tagħti l-kontribut tagħha fil-festi ta' *Chorpus Christi*, tal-Qalb ta' Ġesù u ta' Santa Marija.

Dun Karm Mifsud kellu tim ħabrieki biex seta' jmexxi l-Orkestra tal-Oratorju. Il-Maestro Giuseppi Schembri, l-organista tar-Rotunda, kien id-direttur surmast filwaqt li Gerardo Magri kien il-pjanista. Il-maġġoranza tal-mużiċisti kienu bandisti tan-Nicolò Isouard. Fost dawn insibu lill-istess Salvatore Mifsud fuq il-kuntrabaxx, Carmelo Calleja bil-klarinett, Ċensu Mifsud bl-obwe, Pacifico Falzon bil-flawt, Ġużeppi Camilleri u Gio Maria Grech bil-vjola, Gerardo Magri bil-vjolin prim, Giuseppe Azzopardi u Vincenzo Borg bil-vjolin sekond, it-Tabib Ferdinando Calleja bil-vjolinċell u Ġużeppi Muscat kien idoqq il-parti tat-trumbun b'ewfonju. Dun Pawl Mifsud innifsu, animatur u fundatur tal-Orkestra, kien idoqq il-vjolin. F'paġna 53 qegħdin nirriproduċu ritratt tal-membri mużiċisti tal-*Orchestra Maria Assunta* li ttieħed minn *Hammet Studio* fl-1927 fil-bitħa tal-Oratorju fi Triq il-Parroċċa.

## L-iscouts jinqatgħu għal rashom

Il-ħajja fl-Oratorju baqgħet tiżviluppa u tissaħħaħ, imma l-inkwiet għall-*boy scouts* ma kienx fil-bogħod fl-ewwel snin ta' wara l-Ewwel Gwerra. In-numru ta' mseħbin kien naqas, ħtija tal-emigrazzjoni li, kif rajna qabel, bdiet tħalli effett dirett fuq il-popolazzjoni lokali. Is-sitwazzjoni kompliet titgħarraq wara t-tluq ta' Dun Edgar Salomone peress li

d-direzzjoni l-ġdida tal-Oratorju ma baqgħetx daqstant akkoljenti għall-moviment tal-iscouts. Donnu li kienu reġgħu tfaċċaw xi preġudizzji kontrihom kif kien hemm fil-bidu. Dan ġara qabel ma r-riedni tal-Oratorju għaddew taħt idejn Dun Karm Sciberras. L-attenzjoni ta' dan iċ-ċentru, primarjament reliġjuż, bdiet tintefa' iżjed u iżjed fuq it-tagħlim tad-duttrina, aktar milli fuq l-ideali u l-valuri 'lajċisti' tal-*boy scouts*. Ċensu Borg, bħala *Scout Master* tal-grupp, xamm dawn is-sentimenti kesħin u flimkien mal-kollegi tiegħu għażel it-triq li jinfired minn mal-Oratorju.

Fl-1921, qabel mal-Oratorju kien trasferit għal Triq il-Parroċċa, l-iscouts 'inqatgħu' mill-Oratorju li wellidhom (Schembri, 1986: 340) u bdew jikru kamra f'parti oħra, 'aktar maqtugħa' tal-Mosta fejn jiltaqgħu (Cassar, 2009: 24). Il-ktieb tal-finanzi tal-iscouts għas-sena 1921 jindika li f'April ta' dik is-sena bdiet titħallas kera ta' £4.00 fis-sena lil Salvatore Zahra bħala kirja għall-kwartier il-ġdid tagħhom, sinjal ċar li issa kienu nqatgħu mill-Oratorju li wellidhom fil-Mosta (*Musta Oratory Troop BP Boy Scouts Fund 1917-1947*). Kien propju fl-1921 li nbidel l-isem tat-truppa għax il-kelma *Oratory* tneħħiet mill-emblema uffiċjali tal-grupp tal-iscouts tal-Mosta (Vella, 2015). Il-ħajja tal-iscouts indipendenti mill-Oratorju xejn ma kienet ward u żahar, tant li minħabba nuqqas ta' membri u fondi, għall-ħabta tal-1927, sfaw mingħajr kwartier. Din kienet id-daqqa tal-mewt li wasslet biex it-truppa tal-Mosta tgħosfor mill-ħajja pubblika u waqfet tiffunzjona. Iżda fil-bidu tat-tletinijiet reġa' sar sforz biex l-iscouts Mostin jkunu fformati mill-ġdid u 'bdew jiltaqgħu f'garaxx żgħir u mxattar fi Triq Gafà' taħt it-tmexxija ta' Carmelo Tabone Adami, l-i*Scout Master* il-ġdid (Vella, 2008: 469). Kif għad naraw iżjed 'il quddiem id-destin tal-iscouts reġa' ġabhom fl-Oratorju ftit qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, imma dwar dan u aktar nitkellmu fil-kapitli li jmiss.

## Konklużjoni

Kif rajna f'dan il-kapitlu, l-iżjed elementi li spikkaw fil-ħajja Oratorjana mill-bidu tas-snin għoxrin sa nofs it-tletinijiet kienu ħamsa: (a) iċ-ċaqliqa minn Triq il-Kungress Ewkaristiku għal Triq il-Parroċċa, (b) l-ingaġġ ta' Dun Karm Sciberras bħala Direttur, (ċ) it-tisħiħ fit-tagħlim tad-Duttrina, (d) it-twaqqif tal-*Orchestra Maria Assunta,* u (e) it-tluq tal-iscouts biex jistabilixxu sede għal rashom. Dawn il-movimenti kollha seħħew meta pajjiżna kien beda jesperimenta bl-ewwel gvern responsabbli wara l-Kostituzzjoni tal-1921 u f'kuntest ta' qtigħ il-qalb frott l-emigrazzjoni li ċarrtet u bikkiet mijiet ta' familji. Grafika 4.1 tagħti elenku kronoloġiku tal-aktar ġrajjiet sinifikattivi tal-Oratorju matul l-ewwel erbatax-il sena tal-eżistenża tiegħu fil-Mosta, jiġifieri s-sena li fiha twaqqaf fl-1914 sas-sena 1928 meta tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-Oratorju fejn nafuh illum.

**Grafika 4.1: L-aktar ġrajjiet sinifikattivi fl-Oratorju bejn 1914 u 1928**




*Mario Thomas Vassallo, 2016*

Kif għad naraw fil-kapitlu li jmiss, minkejja l-bidla tal-post minn fejn bdiet topera l-opra tal-Oratorju, kienet issa nibtet ix-xewqa fost dawk li jħobbu t-tagħlim reliġjuż tat-tfal biex isawru Oratorju f'binja ġdida; iddisinjata u mibnija apposta għal dan il-għan. Kellu jinbena biex jakkomoda sistema mnebbha minn dik hekk imsejħa 'preventiva' skont kif ħoloqha Dun Ġwann Bosco (1815-1881). Bdew joħolmu b'binja kbira mgħammra bil-kappella u bil-klassijiet tat-tagħlim, flimkien ma' faċilitajiet oħrajn għall-isports, il-mużika u t-teatrin. Bit-twettiq ta' ħolmithom, setgħu jiġbdu aktar tfal u żgħażagħ, u hekk jissokta jikber u jinfirex il-ġid spiritwali u soċjali. B'Dun Karm Sciberras fit-tmexxija tal-Oratorju din il-ħolm kellha tibda titlaħħam f'realtà lejn l-aħħar tal-għoxrinijiet kif se naraw fil-kapitlu li jmiss.